**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**18 ta' Marzu 2024**

**Rikors Numru 120/2023**

**Anthony sive Tonio Camilleri f'ismu proprju u għan-nom ta' C. Camilleri & Sons Ltd.**

**Vs**

**Awtorita` tal-Artijiet**
**U**
**Maria Christina Peresso f'isimha proprju u għan-nom ta' Eurosport Ltd għal kull interess li jista' jkollhom**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Anthony sive Tonio Camilleri** ***pro et noe*** ippreżentat fis-17 ta' Novembru 2023 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. *Illi l-Awtorita' tal-Artijiet tat il-kunsens tagħha lil-Eurosport Ltd biex ikun jista iressaq applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex iqiegħed siġġijiet u imwejjed fl-istess parti ta' Triq Merkanti, Valletta fejn l-atturi għandhom applikazzjoni mal-istess Awtorita' tal-Ippjanar li għadha pendenti u applikazzjoni (anzi konferma ta' "consent") mal-Awtorita' tal-Artijiet – li wara ġiet irtirata inġustament. L-applikazzjoni ta' Eurosport Ltd mal-Awtorita' tal-Ippjanar iġġib in-numru PA/03079/23.*

2. *Illi intant l-encroachment favur Eurosport Limited inħareġ fit-02 ta' Novembru 2023 u qed jiġi anness bħala* ***Dok 1.*** *L-esponenti qedin joġġezzjonaw il-ħruġ ta' dan l-encoachment għax ħareġ għall-istess parti tat-triq li għaliha kienu applikaw minn qabel l-esponenti u liema spazju jinsab quddiem l-istabiliment operat mill-Appellanti.*

3. *Illi f'Awissu 2021 l-esponenti kienu applikaw ma' l-Awtorita' tal-Artijiet għal consent letter minn naħa tal-Lands Authority biex Anthony Camilleri f' ismu u f' isem C.*

*Camilleri & Sons Ltd ikun jista jissottometti lill-Awtorita' tal-Ippjanar "a development permission in terms of Art 71(4) of Ch 552 of the Laws of Malta". U dan biex huma jagħmlu "tables and chairs" quddiem il-ħanut tagħhom C. Camilleri & Sons Ltd 49, 50 u 51, Triq Merkanti, Valletta tlett ħwienet miġbura f' wieħed;*

4. *Illi l-applikazzjoni kienet tinvolvi żewġ spazji. L-Awtorita tal-Artijiet b' ittra datata 16 ta' Mejju 2022 (annessa bħala **Dok 2**), tat il-kunsens tagħha għal spazju wieħed u indikat li għall-ispazju l-ieħor ġia kien hemm applikazzjoni għalih minn terza persuna u għalhekk ma setax jingħata permess. Issa irriżulta li din it-terza persuna hi Danel Co Ltd. Imma ukoll nofs dan l-ispazju qed jiġi użat minn Eurosport Ltd. Il-kumapnija li ħadet l-ispazju li kienu applikaw għalih l-atturi.*

5. *Illi irid jiżdied li l-esponenti dejjem wieġbu għal kull ma kienu jinħtieġu l-Awtoritajiet intimati u dejjem ħallsu dak li kienu mitluba iħallsu u, jew li kien dovut ma' kull applikazzjoni li għamlu.*

6. *Illi intant din l-applikazzjoni qatt ma ġiet imwaqqfa la mill-esponenti u la mill-intimata Awtorita' tal-Artijiet u għalhekk l-ittra kienet għadha u baqgħet applikabbli u qatt ma ġiet irtirata formalment. Illi fil-fatt l-applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar għadha pendenti. L-Awtorita' tal-Artijiet b' email tat-23 ta' Frar 2023 indikat li kienet ser tirtira il-kunsens tagħha jekk fi żmien xahar ma kienux ser jirċievu il-kunsens mogħti mill-Awtorita' tal-Ippjanar – imma dawn tal-aħħar għal raġuni inspjegabbli ma ħarġux il-permess meħtieġ, minkejja li kien hemm l-ittra ta' kunsens tal-Awtorita' tal-Artijiet.*

7. *Illi intant l-esponenti għamlu applikazzjoni mal-Awtorita tal-Ippjanar biex jużaw parti mit-Triq il-Merkanti għat-tqegħid ta' siġġijiet u imwejjed. (TRK00259302). Peress li il-Perit li kien issottometta l-applikazzjoni kien ġie appuntat bħala membru fuq il-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar l-applikazzjonijiet pendenti tkompliet minn Perit ieħor. Għalhekk saret applikazzjoni oħra PA/03078/23;*

8. *Illi mal-applikazzjoni lill-PA l-esponenti ippreżentaw ukoll l-ittra datata 16 ta' Mejju 2022 (consent letter) – maħruġa mill-Awtorita tal-Artijiet liema ittra kienet għadha viġenti u valida.*

9. *Illi b' mod inspjegabbbli l-Awtorita tal-Ippjanar ma qiesitx din l-ittra tal-Awtorita' tal-Artijiet meta ma hemm xejn li jindika li l-ewwel ittra tagħhom (li ukoll hija waħda reċenti għax datata biss 16 ta' Mejju 2022) kienet għadha valida.*

10. *Illi minħabba f' dan kollu, il-proċess għall-ħruġ tal-permess ta' encroachment tal-Awtorita' tal-Ippjanar ġie stultifikat; l-Awtorita tal-Artijiet fuq l-istess art ħarġet ittra oħra ta' kunsens favur Eurosport Ltd. U inspjegabbilment sar sforz biex ġiet ipproċessata din minflok dik tal-atturi.*

11. *Illi intant issa permezz tan-nota preżentata fl-24 ta' Ottubru 2024 fl-atti ta' mandat ta' inibizzjoni, u bil-ħruġ tal-encroachment favur Eurosport Ltd l-esponenti irriżultalhom li l-Awtorita' tal-Artijiet, fuq il-parti tat-triq indikata għalihom kienet tagħat "consent letter" oħra għal terza persuna li irriżultat li kienet Eurosport Ltd. Jidher li l-Awtorita tal-Ippjanar riedet ittra ta' consent aktar reċenti, imma din it-tieni ittra qatt ma kellha tiġi mitluba mill-Awtorita' tal-Ippjanar għax sa dakinhar l-ewwel ittra tal-Awtorita tal-Artijiet qatt ma ġiet irtirata u qatt ma kien hemm rifjut. Ukoll l-Awtorita' tal-Artijiet*

*ma setgħetx tirtira il-kunsens li kienet ħarġet meta l-seponenti kellhom applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar bażat fuq dik l-ittra.*

12. *Illi jiġi rilevat li* ***l-ittra ta' kunsens li kienet maħruġa mill-Awtorita tal-Artijiet lill-atturi u datata 16 ta' Mejju 2022 (Dok 3) ma kellha ebda data li fiha tiskadi*** *u għalhekk l-esklużjoni tal-esponenti biex jiġi favorit Eurosport Ltd hija tħaddim ħażin tad-diskrezzjoni amministrattiva. U dan kollu ħoloq preġudizzju serju lill-atturi.*

13. *Illi huwa inspjegabbli kif lil Eurosport Ltd l-Awtorita' tal-Artijiet ma qaltlux, bħal ma kienet qalet lill-esponenti fuq it-tieni spazju li applikaw għalih, fejn kien ingħad lilhom li dan il-permess kien qed jiġi rifjutat għax ġia kien hemm applikazzjoni oħra ta' terza persuna. Jekk kien hemm applikant ieħor għall-istess spazju l-Awtorita tal-Artijiet kellha tgħidlu (bħal ma qalet lill-esponenti) li dak l-ispazju ġia kien kommess għal ħaddieħor.*

14. *Illi oltre dan, meta l-Appellanta applikat ma' l-Awtorita Appellata, l- Awtorita Appellata talbet lill-Appellanta sabiex iġġib no objection minn stabbilimenti oħra li kienu faċċata tat-triq l-oħra (li inċidentalment huma ta' soċjeta relatata ma' dik Appellanta!). Jidher pero illi meta applikat is-soċjeta Appellata, ħadd ma talab in no objection minn għand is-soċjeta Appellanta.*

15. *Illi intant ukoll it-talba minn naħa tal-Awtorita' tal-Ippjanar għal ittra aktar reċenti hija inspjegabbli u mhux neċessarja la darba l-ewwel ittra qatt ma ġiet irtirata u ma kienitx tant imbegħda fiż-żmien u fuq kollox la dik l-ittra ma kelliex data ta' skadenza.*

16. *Illi mela għall-istess biċċa triq li l-esponenti applikaw għaliha mal-Awtorita tal-Ippjanar hemm applikazzjoni oħra ta' Eurosport Ltd li ġiet preżentata wara dik l-esponenti. Fil-fatt l-applikazzjoni tat-terz PA/03079/23 ġiet sottomessa lill-Awtorita' tal-Ippjanar fit-12/04/2023, kważi xahrejn wara dik tal-esponenti li issottometta tiegħu fid-19/02/2023 – apparti li anke qabel din kien hemm applikazzjoni oħra li ġiet mibdula mill-ġdida għax kellu jinbidel il-Perit li sar membru tal-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Anke l-applikazzjoni tal-Awtorita tal-Artijiet tar-rikorrenti saret ħafna qabel dik tat-terz.*

17. *Illi ebda applikazzjoni ta' ebda terz ma għandha tiġi kunsidrata qabel dik tal-esponenti la darba l-esponenti kienu issottomettew l-ittra tal-Awtorita tal-Artijiet kif kien mitlub minnhom u la darba kienu applikaw qabel kulħadd ieħor; u jerġa jiġi emfasizzat li dik l-ittra ta' kunsens ma kelliex data ta' skadenza.*

18. *Illi dan l-aġir taż-żewġ Awtoritajiet huwa stramb u jikkawża ħsara lill-esponenti jekk ma jiġix indirizzat biex l-applikazzjoni tal-esponenti tkompli tiġi proċessata sat-tmiem tagħha u dan previa l-irtirar tal-permess irregolari maħruġ lil Eurosport Ltd fuq l-istess biċċa Triq.*

19. *Illi minħabba f' dan kollu id-drittijiet tal-esponenti qed jiġu mittiefsa mill-Awtorita' tal-Artijiet.*

20. *Illi kemm l-applikazzjoni tal-esponenti mal-Awtorita tal-Artijiet kif ukoll l-applikazzjoni tal-esponenti mal-Awtorita' tal-Ippjanar, dwar it-talba għall-imwejjed u siġġijiet fit-triq Merkanti it-tnejn daħlu qabel kull applikazzjoni li saret minn Eurosport*

*Ltd. U għalhekk iż-żewġ Awtoritajiet ma għandhomx jiddeċiedu u, jew joħorġu permessi oħra għal terzi jekk qabel ma jiċħdu l-applikazzjoni tal-esponenti u dan biss jekk ikun hemm raġuni valida biex jagħmlu dan. U għalhekk il-permess li inħareġ għandu jiġi irtirat.*

21. *Illi l-esponenti ġia poġġew liż-żewġ Awtoritajiet in dolo, culpa u mora għall-effetti kollha tal-liġi u talbuhom li jkomplu jipproċessaw iż-żewġ applikazzjonijiet tal-esponenti waħda ma' kull Awtorita' u jieqfu milli ikomplu jipproċessaw applikazzjonijiet oħra fuq l-istess parti tat-triq liema applikazzjonijiet kienu magħmula minn terzi wara l-applikazzjoni tal-esponenti (**Dok 3** huwa Protest Ġudizzjarju).*

22. *Illi l-esponenti bdew ukoll proċeduri quddiem l-Ombudsman dwar dan kollu.*

23. *Illi l-aġir tal-intimati imur kontra il-preċetti ta' amministrazzjoni tajba.*

24. *Illi l-esponent ġia ittenta jagħmel mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimati jew min minnhom milli b' xi mod jipproċessaw ulterjorment applikazzjonijiet u, jew jindikaw in-nuqqas ta' oġġezzjoni u, jew joħorġu permessi relatati ma' talbiet għal encroachment u, jew għal tqegħid ta' imwejjed u, jew siġġijiet fi Triq Merkanti, Valletta fil-postijiet indikati bl-aħmar fil-pjanta annessa, ossia quddiem il-ħanut tal-esponenti 49, 50 u 51, Triq il-Merkanti, fejn appuntu l-esponenti għad għandhom applikazzjonijiet pendenti (sa min qabel kull applikazzjoni oħra ta' terzi) biex hekk ikunu huma li jkollhom permess iqegħdu siġġijiet u imwejjed – u dan sakemm l-applikazzjonijiet tal-esponenti ma jiġux rifjutati formalment u, jew milqugħa, u, jew irtirati.*

25. *Illi din din iċ-ċaħda hija għal kollox inġusta għax l-esponenti ma kellhom xejn ixekkilhom biex il-permess tagħhom jinħareġ – minflok u b' mod inġust inħareġ permess lil terzi. L-esponenti bl-ebda mod ma urew xi nuqqas tul il-proċess kollu maż-żewġ Awtoritajiet intimati. **Dok 4** huwa timeline tal-akkadut bid-dokumenti kollha annessi.*

26. *Illi referenza ampja issir għall-proċeduri quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva Rik 18/2022 fl-ismijiet James Zammit v Awtorita' tal-Artijiet et li ġiet deċiża finalment b' sentenza tal-Qorti tal-Appelli (Inferjuri) sede ċivili datata 25 ta' Jannar 2023. Din is-sentenza qalet hekk :*

    *"Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti tiddeċiedi l-appell tal-appellant billi tilqgħu, u għalhekk tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier tagħha, u tordna lill-Awtorità tal-Artijiet tirtira d-deċiżjoni tagħha tat-3 ta' Frar, 2022, b'dan illi b'effett immedjat tiġi fi tmiemha wkoll l-encroachment mogħti lit-terzi fuq is-sit. Il-Qorti tagħmilha ċara wkoll li b'daqshekk hija mhijiex qegħda tiddeċiedi li s-sit in kwistjoni għandu jiġi konċess lill-appellant, u l-appellata għandha żżomm quddiem għajnejha l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti qabel ma tikkonċedi is-sit in kwistjoni mill-ġdid, sabiex jiġu evitati l-anomaliji imsemmija u sitwazzjonijiet li ma jirrispettawx il-Master Plan li jirregola l-konċessjonijiet fiż-żona.*

    *Kemm l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem it-Tribunal, kif ukoll l-ispejjeż ta' dan l-appell, huma a karigu tal-appellata"*

*Illi dak li ingħad f' din is-sentenza jgħodd ukoll għall-każ mertu ta' dan ir-rikors.*

*Illi huwa evidenti li l-intimati ma tawx konsiderazzjoni għall-kunċett ta' ekwita meta eskludew lill-esponenti u ma komplewx jipproċessaw l-applikazzjoni li dawn tal-aħħar kienu għamlu qabel dik tat-terz.*

*Illi fil-fatt iż-żona ta' quddiem il-ħwienet tagħhom ġiet mogħtija lil żewġ terzi persuni Eurpsort Ltd u Danel Co. Ltd oħra ... wieħed li ma għandu ebda ħanut fiż-żona indikata, u l-ispazju mogħti lilu mhux qed jiġi użat minnu, u l-ieħor li applika għall-permess wara li kienet daħlet l-applikazzjoni tal-esponent. Għalhekk ebda wieħed minn dawn it-terzi ma messu jikkwalifika daqs kemm għandu jikkwalifika l-esponent għall-anqas għal waħda miż-żoni indikati.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan it-Tribunal jogħġbu (1) previa kull dikjarazzjoni neċessarja jordna (2) lill-intimata Awtorita Appellata tirtira kull permess jew no objection in principle jew kull kunsens ieħor li seta inħareġ lil terzi għal encroachment permit u tqegħid ta' siġġijiet u imwejjed fi Triq il-Merkanti,Valletta quddiem il-ħwienet numri 49,50, 51 jew spazji verjuri, u jordna li kull permess jew no objection in principle jew kull kunsens ieħor li seta ingħata lill-terzi fuq dan il-lok jiġi fi tmiemu u partikolarment jiddikjara bħala null u bla effett l-encroachment maħruġ favur Maria Christina Peresso u, jew Eurosport Ltd u datat 02 ta' Novemru 2023;*

Ra r-risposta tal-**Awtorita` intimata** ippreżentata fil-11 ta' Diċembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' Appell intavolat minn Anthony Camilleri f'ismu propju u f'isema C.Camilleri and Sons*

   *Eċċezzjonijiet Preliminari*

   ***L-Appell huwa irritwu u null***

2. *Illi preliminarjament l-Awtorita' tal-Artijiet tirrileva li dan l-appell huwa irritwu u null billi ma jittrattax appell minn deċiżjoni jew att amministrattiv fil-konfront tar-rikorrent;*
3. *Di fatti d-deċiżjoni tal-encroachment GLA12/2022/1165, datata 2 ta' Novembru hija fil-konfront tal-intimata Maria Christine Peresso u mhux fil-konfront tar-rikorrenti;*
4. *Artiklu 57 tal-Kapitlu 563 jistipula li:-*
   *(1) It-tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkunkompetenti biex jisma' u jiddetermina:*
   *(a) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persunaaggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u*
   *(b) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persunaaggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

   *Kapitlu 490 tal-Liġijiet ta' Malta jiddefinixxi att amministrattiv bħala :-*
   *"att amministrattiv" tinkludi l-ħruġ mill-amministrazzjonipubblika ta' ordni, liċenza, permess, warrant, awtorizzazzjoni,konċessjoni, deċiżjoni jew ċaħda ta' xi talba magħmula minnmembru tal-pubbliku, iżda ma tinkludix miżura li tittieħed għall-*

*organizzazzjoni interna jew ta' amministrazzjoni fi ħdan l-istessamministrazzjoni pubblika*

*Illi għalhekk anke mid-definizzjoni stessa tal-liġi , jirriżulta li l-Awtorita ma ħadet l-ebda deċiżjoni fil-konfront tar-rikorrenti li għadha fit-terminu tal-liġi li tista' tiġi appellata u di piu ma wettqet l-ebda att amministrattiv fil-konfront tar-rikorrenti , iżda kull att amministrattiv hekk kif definit fil-liġi kien fil-konfront tal-intimata Peresso;*

***L-Awtorita' tal-Artijiet mhijiex il-leġittimu kontradittur***

5. *Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni preliminari preċenti , l-Awtorita' tal-Artijiet tirrileva li hija mhijiex il-leġittimu kontradittur stante li d-deċiżjonijiet jew atti amministrattivi li skont ir-rikorrenti preġudikawh kienu magħmula mill- Awtorita' tal-Ippjanar u mhux mill-Awtorita Intimata;*
6. *Illi għalhekk ir-rikorrenti seta' kien aggravat biss mill-aġir tal-Awtorita' tal-Ippjanar u mhux tal-Awtorita' esponenti*
7. *Illi ir-rikorrent jindika b'mod ċar li kull dannu li seta ssubixxa , dan seħħ konsegwentament ta' allegat ażżir tal-Awtorita' tal-Ippjanar , bħal m'hemm indikat f'numru ta' paragrafi fir-rikors r:-*
   *Paragrafu Nru 6:-*
   *L-Awtorita' tal-Artijiet b'email tat-23 ta' Frar 2023 indikat li kienet ser tirtira l-kunsens tagħha jekk fi żmien xahar ma kinux ser jirċievu mingżand l-Awtorita' tal-Ippjanar – imma din tal-aħħar għar-raġunijiet inspjegabbli ma ħarġux il-permessi meħtieġa minkejja li kien hemm l-ittra ta kunsens tal-Awtorita' tal-Artijiet*

   *Para Nru 9*
   *Illi b'mod inspjegabbli l-Awtorita tal-Ippjanar ma qisitx din l-ittra tal-Awtorita' tal-Artijiet meta m'hemm xejn li jindika li l-ewwel ittra tagħhom kienet għadha valida ( li hi ukoll waħda riċenti għax datata 16 ta' Mejju , 2023)*

   *Para Nru. 10*
   *Illi minħabba dan kollu, il-proċess tal-ħruġ ta' permess ta' encroachment ġie stultifikat quddiem l-Awtorita 'tal-Ippjanar*

   *Para Nru 11*
   *Jidher li l-Awtorita' tal-Ippjanar riedet ittra ta' kunsens aktar riċenti, imma din it-tieni ittra qatt ma kellha tiġi mitluba mill-Awtorita' tal-Artijiet għax qatt ma rtirat u qatt ma kien hemm rifjut*

***Aggravji ulterjuri***

8. *Illi t-talba tal-appellant għandha tiġi miċħuda stante li l-aġir tal-Awtorita huwa wiħed ġust fil-forma u fis-sustanza,u li sar wara li kienu kkunsidrati numru ta' fatturi relevanti kif ser jiġi provat waqt dan l-appell;*
9. *Illi għalhekk isegwi illi l-Awtorita' intimata kienet fil-limiti tal-eċerċizzju tad-diskrezzjoni tagħha meta tat permess ta' encroachment lil terz u dan hekk kif anke fl-ittra ta' kunsens li ngħatat inizjalment lir-rikorrenti kien hemm indikat b'mod ċar li 'The applicant shall be obliged to inform tal-Lands Authority of any eventual development of the granting of permission being granted by the Planning Authority, failing of which,the process of the issuance of the encroachment shall be __**discontinued**__'*

10. *Illi l-Awtorita' ma kellha l-ebda obbligu li tinforma lir-rikorrent b'xi applikazzjoni oħra fuq l-istess sit , stante li l-applikazzjoni tar-rikrorrenti ma kienitx għadha attiva*

*Għaldaqstant l-esponenti, filwaqt li ġġib din ir-risposta a konjizzjoni ta' dan l-Onoroabbli Tribunal , u tirriserva d-dritt li tipprovdi raġunijiet u provi ulterjuri waqt is-smigħ ta' din il-kawża, titlob lil dan l-Onorabbli Tribunal biex jiċħad dan l-appell;*

Ra r-risposta ta' **Maria Christina Peresso *pro et noe*** ippreżentata fil-11 ta' Diċembru 2023 li permezz tagħha eċċepiet is-segwenti:-

1. *Illi il-fatti tal-każ kif tafhom l-esponenti huma is-segwenti:*

    a. *Illi din hija risposta għar-rikors ta' Anthony sive Tonio Camilleri (ID 559857M) f'ismu proprju u għan-nom ta' C. Camilleri & Sons Ltd (C-5572)*
    b. *Illi fis-27 ta' Lulju 2022, l-esponenti applikat mal-Awtorita' tal-Artijiet għal Encroachment Concession tal-Fifth Parcel fi Triq Santa Luċija, liema applikazzjoni ngħatat in-numru GLA12/2022/1165, u dan għal "Proposal of outdoor catering area";*
    c. *Illi fl-24 ta' Marzu 2023, peress illi ġiet infurmata illi l-Fifth Parcel kienet meħudha minn terzi, l-esponenti biddlet l-applikazzjoni tagħha biex minflok tinkludi l-Fourth Parcel, quddiem l-istabbiliment 193, Triq il-Merkanti, Valletta;*
    d. *Illi fil-5 ta' April 2023, l-Awtorita' tal-Artijiet bagħtet l-ittra biex tgħarraf lill-esponenti illi hija setgħet tapplika għall-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar;*
    e. *Illi fit-12 ta' April 2023, l-esponenti applikat mal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex tottjeni permess "To place tables and chairs, and install two retractable umbrellas, to a permitted Class 4D Outlet" - in-numru tal-applikazzjoni huwa PA/03079/23;*
    f. *Illi fid-19 ta' Settembru 2023 l-Awtorita' tal-Ippjanar ħarġet dan il-permess a favur l-esponenti;*
    g. *Illi fit-2 ta' Novembru 2023, l-esponenti rċeviet ittra li kienet qed tingħata l-Encroachment Concession mingħand l-Awtorita' appellata'*
    h. *Illi l-appellanta ħassitha aggravata u interponiet dan l-appell.*

2. *Illi l-esponenti tirrileva dawn is-segwenti punti b'risposta għall-appell tas-soċjeta' appellanta:*

3. *Illi fl-ewwel lok, u fuq bażi preliminari, l-esponenti qegħda teċċepixxi n-nullita' tar-rikors promotur stante li dan ir-rikors ma jimxix mad-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta, u senjatament għaliex ai termini tal-Artikolu 15, il-liġi hija ċara immens fis-sens illi tirrikjedi illi r-rikors ikollu:*

    *(a) dikjarazzjoni ċara u korretta tas-suġġett u r-raġuni għat-talba;*
    *(b) it-talba jew it-talbiet;*
    *(ċ) esposizzjoni ċara u dettaljata tal-fatti tal-każ, kif ikun jafhom ir-rikorrent;*
    *(d) l-isem tax-xhieda li r-rikorrent ikun bi ħsiebu jħarrek, inkluż it-taħrik tal-kontroparti, bid-dikjarazzjoni fir-rigward ta' kull xhud tal-prova li r-rikorrent ikun bi ħsiebu jagħmel permezz tagħhom; u*
    *(e) ir-rimedju li jkun qiegħed jintalab, bl-ispejjeż kontra l-amministrazzjoni pubblika.*

4. *Illi abbażi tas-suespost, ir-rikors promotur huwa nieqes mir-rekwiżiti stipulati f'(a), (b), u (d) tal-Artikolu 15, u għalhekk, għandu jiġi kkunsidrat bħala null għall-effetti kollha fil-liġi.*

5. *Illi fit-tieni lok, fuq bażi preliminari ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost, is-soċjeta' appellanta m'għandhiex interess ġuridiku sabiex tappella mid-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Artijiet li permezz tagħha tat l-konċessjoni lill-esponenti, u dan għaliex l-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, il-Kap 490 tal-Liġijiet ta' Malta tikkonċedi d-dritt ta' appello del terzo f'każijiet partikolari biss, u dan il-każ mhuwiex wieħed minnhom;*

6. *Illi semmai, hija kellha id-dritt li tintavola appell fil-konfront tal-ittra li rċeviet mingħand l-Awtorita' appellata fejn ġiet mgħarrfa illi l-kunsens sabiex tapplika mal-Awtorita' tal-Ippjanar għal żvilupp fuq spazju in partikolari, ġie rifjutat jew irtirat, jew setgħet tapplika mill-ittra tal-5 ta' April 2023 li rċeviet l-esponenti fejn ġiet mgħarrfa illi hija setgħet tapplika għall-permess mal-Awtorita' tal-Ippjanar;*

7. *Illi dan l-Onorabbli Tribunal fis-sentenza tiegħu tat-22 ta' Awwissu 2022, fl-ismijiet* ***James Zammit vs L-Awtorita' tal-Artijiet****, kien tal-istess fehma fir-rigward ta' appelli mid-deċiżjoni tal-għoti ta' encroachment lil terzi, meta qal hekk:*

   *U kwindi, filwaqt li dan it-Tribunal jaqbel illi r- rikorrent ma jistax iressaq appell mid-deċiżjoni tal-għoti ta' encroachment lil Sesame, madanakollu dan it-Tribunal ma jista' qatt jinjora dak li ġara biex ġie konċess l-istess encroachment għaliex għandu rilevanza għad- deċiżjoni li ttieħdet fil-konfront tar-rikorrent.*

8. *Illi, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bħala infondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet;*

9. *Illi, kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża l-esponenti mxiet rettament mal-proċess stipulat fil-liġi sabiex tottjeni l-Encroachment Concession mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet, kif ukoll il-permessi relattivi mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar, u għalhekk l-Awtoritajiet rispettivi ma kellhom l-ebda raġuni valida skont il-liġi sabiex ma joħorġux il-konċessjoni u l-permessi relattivi a favur l-esponenti;*

10. *Illi apparti minn hekk, jekk wieħed iħares lejn l-ittra tas-16 ta' Mejju 2022 li rċieviet l-appellanta mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet li permezz tagħha ġiet infurmata illi kienet qed tingħata l-kunsens sabiex tkun tista' tissottometti applikazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex twettaq xi żvilupp, joħroġ biċ-ċar illi din ma kellhiex titqies bħala deċiżjoni finali tal-għotja tal-konċessjoni mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet, u li kellhom jiġu sodisfatti ċertu kriterji. Iżda xorta waħda, anke jekk dawn il-kriterji ġew sodisfatti, l-Awtorita' tal-Artijiet xorta għandha diskrezzjoni sabiex tirrifjuta li tagħti l-konċessjoni in kwistjoni;*

11. *Illi allura, l-appellanta ma tistax tippretendi li għandha xi dritt sagrosant li tingħata l-ispazju li applikat għalih, sempliċiment għaliex allegatament dejjem għamlet dak mitluba minnha, u iktar minn hekk, l-appellanta ma għamlet l-ebda referenza legali għaliex qed targumenti li ma setgħetx issir applikazzjoni oħra fuq l-istess spazju abbażi tal-fatt illi kien hemm l-applikazzjoni tagħha pendenti fuqu;*

12. *Illi biss biss, anki meta xi ħadd jingħata l-jedd li jokkupa art encroachment, l-Awtorita' tal-Artijiet tista' teħodha lura meta trid mingħajr ma tagħti l-ebda kumpens lil dik il-persuna li kellha l-okkupazzjoni tal-istess art;*

13. *Illi fl-istess ittra suiċitata, minkejja illi l-appellanta ottjeniet il-kunsens mingħand l-Awtorita' tal-Artijiet sabiex tissottometti applikazzjoni għal żvilupp mal-Awtorita' tal-Ippjanar fir-rigward ta' spazju wieħed li applikat għalih, xorta waħda ma ngħatatx il-kunsens għall-ispazju l-ieħor li kienet applikat għalih, u li kien ngħata lis-soċjeta' Danel Co. Ltd, u għalhekk l-esponenti ma tistax ma tistaqsix għaliex l-appellanta ma intavolatx appell kontra dik id-deċiżjoni meta l-ittra speċifikament tissenjala dak id-dritt;*

14. *Illi s-soċjeta' appellata l-anqas ma appellat kontra l-ittra tal-5 ta' April 2023 li rċeviet l-esponenti mingħand l-Awtorita' appellata li permezz tagħha ġiet mgħarrfa illi setgħet tapplika għal permess mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar;*

15. *Illi b'żieda ma' dan, għandu jingħad illi bħalqisu dan l-appell huwa afterthought jew attentat iddisprat wara illi s-soċjeta' appellanta naqset milli tuża r-rimedji l-oħra disponibbli għaliha sabiex tikseb l-encroachment ta' spazju quddiem l-istabbiliment tagħha, u dan għaliex minbarra in-nuqqas tagħha li tintavola appell kontra ir-rifjut, l-appellanta l-anqas ma' għamlet appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni tal- Ambjent u l-Ippjanar għad-deċiżjoni tal-Awtorita' tal-Ippjanar fl-għoti tal-permess lill-esponenti;*

16. *Illi l-esponenti ma taqbel xejn ma' dak espost fir-rikors promotur fejn ġie allegat illi l-Awtorita' tal-Artijiet ma qalitx lil Euro Sport Ltd li l-permess tagħhom kien qed jiġi rifjutat għax ġia' kien hemm applikazzjoni oħra ta' terza persuna, għaliex kif se jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża, l-Awtorita' tal-Artijiet kienet infurmat lil Euro Sport Ltd illi l-ispazju li kienet applikat għalih kien fil-proċess li jingħata lil terzi, u kien propju għalhekk illi l-esponenti biddlet l-applikazzjoni sabiex minnflok il-Fifth Parcel hija applikat għall-Fourth Parcel li qed tokkupa bħalissa;*

17. *Illi konsegwentement, u fid-dawl tal-fatt illi l-art in kwistjoni tinsab eżżattament quddiem l-istabbiliment li tmexxi l-esponenti, ma jistax jingħad illi l-Awtorita tal-Artijiet ma mxietx mal-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba u l-ekwita' meta tat l-encroachment lill-esponenti;*

18. *Illi fl-aħħar nett, l-appellanta m'għandhiex tipprova tiżvija lil dan l-Onorabbli Tribunal billi tiċċita sentenza li ma tirrigwardax l-istess fatti bħal dawn tal-kawża odjerna, tant li f'dik il-kawża, it-terz li ngħata l-konċessjoni kontestata jopera l-istabbiliment tiegħu minn stabbiliment li jinsab il' bogħod mill-ispazju konċess lilu u diġa' kien igawdi minn encroachment ta' biċċa art pubblika oħra. Fil-fatt, fis-sentenza ċitata mill-appellanta, l-Qorti stipulat hekk:*

    *Jirriżulta li t-talba tat-terz għall-għoti tan- no objection saret diversi xhur qabel ma l-appellant intavola t-talba tiegħu, u għalhekk minkejja s-sitwazzjoni fattwali li t-terz ma jiġġestix stabbiliment fl- istess triq, u minkejja wkoll li dan diġà kellu konċessjoni oħra, meta dan talab in- no objection lill-appellata, hija tat il-permess tagħha.*

19. *Illi fil-kawża odjerna, l-appellanti hija konxja illi ż-żona tal-encroachment in kwistjoni tinsab eżattament quddiem l-istabbiliment tal-esponenti.*

20. *Illi fid-dawl tas-suespost, it-talbiet attriċi għandhom ikunu miċħuda bħala infondati fil-fatt u fid-dritt.*

Ra illi ġie ordnat illi tiġi trattata l-eċċezzjoni dwar l-irritwalita` tal-appell, u ċioe` jekk ir-rikorrent *pro et noe* setax jappella minn deċiżjoni mogħtija fil-konfront ta' terzi;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni tal-partijiet fir-rigward tal-imsemmija eċċezzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza preliminari.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent *pro et noe* ħassu aggravat b'konċessjoni ta' *encroachment* li l-Awtorita` intimata tat lil Maria Christina Peresso u/jew Eurosport Ltd fit-2 ta' Novembru 2023 u dan bl-iskop li jitpoġġew imwejjed u siġġijiet quddiem il-ħwienet numri 49 u 50 fi Triq il-Merkanti, Valletta. Għalhekk talab lil dan it-Tribunal sabiex jordna lill-Awtorita` intimata tirtira l-istess permess, jew *no objection in principle* jew kull kunsens ieħor li seta' nħareġ dwar l-istess *encroachment*.

Illi mill-informazzjoni misjuba fir-rikors promutur jirriżulta s-segwenti:

1. F'Awwissu 2021, ir-rikorrent applika sabiex jingħata *no objection in principle* sabiex jipproċedi mal-Awtorita` tal-Ippjanar fir-rigward ta' żewġ spazji quddiem il-ħanut C. Camilleri & Sons Ltd, ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta;
2. Fis-16 ta' Mejju 2022 l-Awtorita` intimata tat in-*no objection in principle* lir-rikorent fir-rigward ta' spazju wieħed biss, u dan peress li fuq l-ispazju l-ieħor kien hemm applikazzjoni oħra;
3. Fit-23 ta' Frar 2023 l-Awtorita` intimata infurmat lir-rikorrent li kienet se tiritra l-kunsens tagħha jekk ma tirċevix informazzjoni li nħareġ il-permess da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar;
4. Fil-fatt fit-2 ta' Novembru 2023, l-Awtorita` intimata ħarġet permess ta' *encroachment* fuq is-sit mitlub mir-rikorrent lil Maria Christina Peresso.

Illi r-rikorrent jimputa nuqqasijiet kemm fl-aġir tal-Awtorita` intimata u kif ukoll f'dak tal-Awtorita` tal-Ippjanar għall-mod kif trattaw l-applikazzjonijiet sottomessi minnu.

Illi permezz tal-eċċezzjoni preliminari tagħha, l-Awtorita` intimata saħqet lli l-appell tar-rikorrent pro et noe huwa irritwali u null billi qiegħed jittenta jsir appell minn deċiżjoni fil-konfront ta' terzi. Fuq l-istess linji hija msejsa l-eċċezzjoni numru 5 ta' Maria Christina Peresso.

Illi fit-trattazzjoni orali tiegħu, id-difensur tar-rikorrent *pro et noe* saħaq li r-rikorrent *pro et noe* kien vittma ta' aġir amministtrativ abbużiv da parti tal-Awtorita` intimata u da parti tal-Awtorita` tal-Ippjanar, liema aġir wassal biex ir-rikorrent *pro et noe* jiġi mċaħħad milli jingħata konċessjoni kif għandhom diversi stabbilimenti oħra ġewwa Triq il-Merkanti, Valletta.

Illi min-naħa l-oħra l-intimati saħqu illi l-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta jagħti dritt ta' appell lil dawk il-persuni li jħossuhom aggravati b'xi deċiżjoni fil-konfront tagħhom u diretta lejhom. Huma kkwotaw artikolu 57 tal-Kapitolu 563 u ssottomettew illi minn qari tal-istess Artikolu huwa bil-wisq evidenti x'kienet l-intenzjoni tal-leġislatur, u ċioe` li jagħti r-rimedju ta' reviżjoni ta' deċiżjoni tal-Awtorita` intimata fejn din tkun ittieħdet fil-konfront tal-persuna aggravata. Huma ċċitaw diversi liġijiet oħra fejn il-leġislatur kkonċeda l-appell tat-terz, bħal pereżempju artikolu 11 (1) (e) tal-Kapitolu 551 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar it-Tribunal Ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar), artikolu 236 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili) u l-artikoli 77 u 78 tal-Kapitolu 552 tal-Liġijiet ta' Malta (Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp). Dawn iċ-ċitati liġijiet kollha jagħtu dritt lil terz jappella minn deċiżjoni li ma tkunx ingħatat fil-konfront tiegħu.

Id-difensuri tal-intimati, għalhekk sostnew illi fejn il-leġislatur ried jagħti dritt lil terzi jappellaw, huwa lleġisla fuq dan id-dritt espressament. Dan kuntrarjament għal dak li wieħed isib f'artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta li ma jsemmi ebda dritt ta' terzi li jappellaw minn deċiżjonijiet li ma jingħatawx fil-konfront tagħhom.

**Ikkunsidra:**

Illi waqt it-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrent *pro et noe* għamel referenza għal sentenza li ngħatat mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-21 ta' Jannar 2021 fl-ismijiet ***BirdLife Malta et vs L-Awtorita` tal-Artijiet*** fejn f'dik is-sentenza kien ġie deċiż illi numru ta' organizzazzjonijiet volontarji u ndividwu kellhom dritt jappellaw fir-rigward ta' att amministrattiv li wettqet l-Awtorita` intimata. Għall-aħjar intendiment tad-deċiżjoni ta' dik il-Qorti, it-Tribunal se jipproduċi hawn taħt ir-raġunament tal-istess Qorti, u ċioe`:

*23. L-appellanti spjegaw li huma ħassew ruħhom aggravati bid-deċiżjoni tat-Tribunal u qalu li dan għamel applikazzjoni ħażina tal-liġi u tal-prinċipji legali dwar il-kunċett ta' locus standi. Qalu li l-azzjoni tagħhom hija bbażata fuq l-artikolu 57 tal-Kap. 563, li jaqra hekk:*

> *"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:*
>
> *(a) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u*
>
> *(b) L-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*
> *...*
>
> *Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."*

*24. L-appellanti jgħidu li huma ressqu l-appell tagħhom quddiem it-Tribunal abbażi tas-subinċiż (1)(a) tal-artikolu 57 tal-Kap. 563, bħala persuni jew entitajiet b'personalità ġuridika distinta u separata, li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata li kkonċediet il-meded ta' art inkwistjoni lill-FKNK. Il-Qorti tgħid mill-ewwel li ma taqbilx mal-interpretazzjoni li ta t-Tribunal dwar l-applikabilità tal-proviso għas-subinċiż (1)(b) għaċ-ċirkostanzi odjerni. Huwa ċar anki mill-punteġġatura użata mil-leġiżlatur, li s-subinċiż (1)(a) għandu jinqara b'mod separat u distint mis-subinċiż (1)(b), u l-proviso dwar it-terminu li fih għandha tiġi ppreżentata oġġezzjoni minn min għandu interess joġġezzjona għal xi deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, japplika biss għal min iressaq l-oġġezzjoni tiegħu taħt is-subinċiż (1)(b), li huwa maħsub biex jirregola lil dawk il-persuni milquta minn xi att amministrattiv jew minn xi piena imposta fuqhom mill-Awtorità. Dan ifisser li filwaqt li l-proviso japplika għal min ikun huwa stess is-suġġett ta' xi deċiżjoni tal-Awtorità, is-subinċiż (1)(a) jibqa' l-għodda disponibbli għal kull min iħossu aggravat bi kwalunkwe deċiżjoni li tista' tieħu l-Awtorità tal-Artijiet, anki jekk ma jkunx ġie notifikat bid-deċiżjoni. Huwa fatt li l-Awtorità tal-Artijiet ma tinnotifikax id-deċiżjonijiet tagħha b'mod pubbliku, kuntrarjament għall-mod kif topera f'ċerti ċirkostanzi pereżempju l-Awtorità tal-Ippjanar. Il-proviso taħt is-subinċiż (1)(b) għall-artikolu 57 tal-Kap. 563 huwa maħsub biex jirregola biss lil dik il-kategorija ta' persuni li jkunu milquta direttament mid-deċiżjonijiet jew penali oħra li tiddeċiedi dwarhom l-Awtorità tal-Artijiet. Mhux hekk għal talbiet li jsiru għal <u>stħarriġ ta' atti amministrattivi</u>[1] tal-Awtorità appellata li jsiru taħt is-subinċiż 1(a) tal-istess dispost tal-liġi, li jipprovdi li oġġezzjonijiet jistgħu jsiru minn kull persuna, għal kull tip ta' deċiżjoni li tittieħed mill-Awtorità, irrispettivament minn jekk din ġietx notifikata b'tali deċiżjoni jew le. Il-Qorti hija tal-fehma li f'każ li l-leġiżlatur verament ried li l-oġġezzjonijiet isiru biss minn persuni li jkunu ġew notifikati bid-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Artijiet, għaqdiet u persuni bħall-appellanti li ma jiġux notifikati b'tali deċiżjonijiet ser isibu ruħhom f'sitwazzjoni fejn ma jistgħux ikunu effettivi fil-ħidma tagħhom u ma jistgħu jieħdu l-ebda azzjoni sabiex iwaqqfu deċiżjonijiet li jimpinġu b'mod negattiv fuq il-ħarsien tal-ġid komuni bħalma huwa l-ambjent. L-interpretazzjoni mogħtija mit-Tribunal tfisser ukoll li hija l-Awtorità tal-Artijiet li tiddeċiedi min għandu jiġi notifikat bid-deċiżjonijiet tagħha, u għalhekk b'mod indirett ser tkun l-istess Awtorità li tiddeċiedi min għandu jedd iressaq*

[1] Enfasi tat-Tribunal

***oġġezzjoni mid-deċiżjonijiet meħuda minnha. Ċertament li din ma kinitx l-intenzjoni tal-leġiżlatur, li bis-subinċiż (1)(a) tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 ta locus standi lil organizzazzjonijiet, għaqdiet u individwi bħall-appellanti jressqu oġġezzjoni għal deċiżjonijiet tal-Awtorità, minkejja li ma jkunux huma s-suġġett ta' dawn id-deċiżjonijiet u ma jkunux ġew notifikati bihom. Il-Qorti hawnhekk tagħmel riferiment ukoll għal dak li jipprovdi l-artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi:***

> ***"7.(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi tal-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' liġi u ta' fatt.***
>
> ***(2) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 u fejn xi liġi speċjali tassenja kompetenza lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva u sakemm xi dispożizzjoni tal-liġi ma tippreskrivix xi terminu perentorju għall-preżentata ta' xi talba għar-reviżjoni mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva, talba biex jiġu riveduti atti ta' amministrazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika taħt dan l-Att għandha tiġi preżentata fi żmien sitt xhur mid-data meta l-parti nteressata ssir taf jew setgħet issir taf b'dak l-att amministrattiv, liema minnhom ikun l-aktar kmieni."***

***25. F'dan il-każ jirriżulta li l-appellanti saru jafu bid-deċiżjoni tal-Awtorità appellata mill-mezzi tax-xandir, u huma ħadu azzjoni dwarha billi ressqu protest ġudizzjarju kontra l-Awtorità appellata fl-istess ġurnata meta l-Awtorità appellata ffirmat il-ftehim li qiegħed jiġi attakkat b'dawn il-proċeduri. L-appellanti ġew notifikati bil-ftehim iffirmat bejn l-Awtorità u l-FKNK wara li dan l-istess ftehim ġie anness mal-kontroprotest li l-Awtorità ppreżentat b'risposta għall-protest ġudizzjarju tal-appellanti, u sussegwentement l-appellanti intavolaw il-proċeduri li minnhom qiegħed isir dan l-appell quddiem it-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva. Il-Kap. 490 jaħseb għal sitwazzjoni fejn 'il-parti interessata' mhux tkun saret taf, iżda 'setgħet issir taf' bl-att amministrattiv li qiegħed jiġi impunjat, u fil-każ odjern li kieku ma kienx għall-media li rrappurtat dwar id-deċiżjoni li ttieħdet mill-Awtorità appellata li tikkonċedi l-imsemmija meded ta' art lill-FKNK, ma kienx hemm mod kif l-appellanti setgħu jsiru jafu b'din id-deċiżjoni, għaliex naturalment din ma ġietx notifikata lilhom. Il-Qorti hija tal-fehma li għalhekk l-appellanti, li kif ġie stabbilit, għandhom locus standi jkunu parti minn dawn il-proċeduri bħala għaqdiet involuti fil-qasam tal-ħarsien tal-ambjent, li ħassewhom aggravati bid-deċiżjoni tal-Awtorità, ressqu l-oġġezzjoni tagħhom hekk kif saru jafu bid-deċiżjoni li qegħdin jitolbu li tiġi mistħarrġa, entro t-terminu ta' żmien ta' sitt xhur stabbilit mil-liġi. Għaldaqstant tqis li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa ġustifikat, u tilqgħu.***

Illi bir-rispett dovut lejn l-Onorabbli Qorti tal-Appell, dan it-Tribunal ma jaqbilx ma' din l-interpretazzjoni. Illi fil-fehma tat-Tribunal id-distinzjoni li Artikolu 57 (1) jagħmel hija bejn oġġezzjonijiet magħmula minn persuna aggravata b'xi **deċiżjoni** tal-Awtorità; u oġġezzjonijiet magħmula minn persuna aggravata minn xi **att amministrattiv** jew xi **pieni** oħra imposti fuq dik il-persuna. Pero` dawn l-oġġezzjonijiet dejjem iridu jsiru mill-persuna li fil-konfront tagħha tkun ittieħdet **id-deċiżjoni,** sar l-**att amministrattiv** jew ġiet inflitta **xi piena.** Illi fil-fehma tat-Tribunal, il-Qorti ta' l-Appell innifisha kkonċediet illi terzi persuni li jħossuhom aggravati minn xi deċiżjoni jew att amministrattiv tal-Awtorita` intimata għandhom dritt jagħmlu azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. Kif inhu risaput azzjoni għal stħarrig ġudizzjarju tista' tiġi ntvolata fil-qrati ordinarji mentri dan

it-Tribunal huwa wieħed speċjali b'kompetenza limitata sabiex **jirrevedi atti amministrattivi.**

Illi dan il-ħsieb isib konfort fl-istess disposizzjoni tal-liġi li tagħti dritt ta' reviżjoni lil kull minn iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorita` intimata. Di fatti l-*proviso* ta' artikolu 57 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid is-segwenti:

*"(1) It-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva għandu jkun kompetenti biex jisma' u jiddetermina:*

*(a) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata b'xi deċiżjoni tal-Awtorità; u*
*(b) l-oġġezzjonijiet magħmula minn kull persuna aggravata minn xi att amministrattiv jew xi pieni oħra imposti fuq dik il-persuna mill-Awtorità:*

***Iżda wkoll, sakemm ma jkunx preskritt mil-liġi, oġġezzjoni magħmula skont dan is-subartikolu lit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva għandha tiġi ppreżentata fi żmien għoxrin ġurnata minn meta dik il-persuna tirċievi d-deċiżjoni tal-Awtorità."***[2]

Illi minn dan il-*proviso* joħroġ ċar illi l-leġislatur ma għamel ebda distinzjoni meta tkellem dwar "oġġezzjoni". Li kieku l-Leġislatur ried mod ieħor kien jagħmel distinzjoni dwar it-terminu tal-appell dwar oġġezzjonijiet ai termini tas-subiniċż (a) u dawk ai termini tas-subinċiż (b). Iktar minn hekk, fil-fehma umli tat-Tribunal huwa ċar li l-intenzjoni tal-Leġislatur kienet illi huma biss dawk il-persuni li **jiġu notifikati b'deċiżjoni tal-Awtorita`** li għandhom dritt jirrikorru għal rimedju ta' reviżjoni quddiem dan it-Tribunal. Tant hu hekk li t-terminu tal-appell jibda għaddej minn **meta l-persuna tirċievi d-deċiżjoni aggravanti.**

Illi l-fehma ta' dan it-Tribunal hija wkoll imsaħħa min-nota mniżżla fil-marġini tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta li taqra "Dritt ta' appell". Illi dak li essenzjalment huwa kompetenti li jisma` dan it-Tribunal huma "appelli" minn xi att amministrattiv u mhux li jagħmel **stħarriġ ġudizzjarju** skont l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu baqa' *in vigore nonostante* l-promulgazzjoni tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta. Dana għaliex il-leġislatur ħass li t-Tribunal m'għandux ikollu l-kompetenza wiesgħa ta' stħarriġ ġudizzjarju li għandhom il-Qrati ordinarji u għalhekk, taħt kull liġi speċjali li tagħti kompetenza lil dan it-Tribunal, wieħed isib elenkati l-istanzi u l-metodu kif persuna aggravata tista' tappella quddiem dan it-Tribunal. Għalhekk mhumiex ammissibbli appelli quddiem dan it-Tribunal minn terzi li ma jkunux il-persuna suġġett tad-deċiżjoni appellata. Għal dawn it-terzi pero` jibqa' d-dritt li jintavolaw il-proċeduri opportuni quddiem il-qrati ordinarji.

[2] Enfasi tat-Tribunal

Illi abbażi tal-istess linja ta' ħsieb, fil-passat it-Tribunal kellu numru ta' okkażjonijiet fejn ċaħad rikorsi minn terzi sabiex jintervjenu f'appelli intavolati quddiemu minn persuni aggravati b'deċiżjonijiet ta' awtoritajiet pubbliċi.[3] Terzi li jkunu tal-fehma li deċiżjoni meħuda fil-konfront ta' xi persuna oħra tkun ippreġudikatilhom id-drittijiet tagħhom, għandhom rimedji oħra quddiem il-Qrati ordinarji iżda mhux quddiem dan it-Tribunal. Dan il-ħsieb huwa msaħħah ukoll anke bil-mod kif ġiet imfassla it-Taqsima III tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta ( (Att Dwar il-Ġustizzja Amministrattiva), fejn f'artikolu 15 (3) wieħed isib illi "***Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-amministrazzjoni pubblika mhux iktar tard minn ħamest ijiem utli mid-data tal-preżentata….."*** It-Tribunal jirrileva illi l-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta ma jirraviżax illi l-intimat jista' jkun ħaddieħor ħlief xi awtorita` pubblika li għandha tirrispondi għat-talbiet tar-rikorrent, liema awtorita` pubblika trid tkun waħda li d-deċiżjonijiet tagħha jistgħu jiġu riveduti minn dan it-Tribunal. Altrimenti, jekk le, persuna aggravata dejjem jibqghalha rimedju quddiem il-Qrati ordinarji.

Illi għalhekk, ir-rimedju mogħti permezz tal-artikolu 57 tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta ma huwiex disponibbli għal kwalunkwe persuna li tħossha "aggravata" b'xi att tal-Awtorita` intimata. Persuna li ma tkunx direttament is-suġġett tad-deċiżjoni jew att amministrattiv jista' jkollu rimedju ieħor, pero` mhux quddiem dan it-Tribunal li l-kompetenza tiegħu hija waħda ferm limitata u ċirkoskritta bit-termini tal-Artikolu 5 tal-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 57 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl ta' dan kollu, it-Tribunal iqis li l-Awtorita` intimata u l-intimata *pro et noe* għandhom raġun fl-eċċezzjoni tagħhom illi r-rikorrent *pro et noe* ma setax jippromwovi azzjoni quddiem dan it-Tribunal, iżda semmai seta' ppromwoviha quddiem il-Qrati ordinarji.

**DECIDE**

Għaldaqstant it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq esposti, u in kwantu konsistenti ma' dak li ntqal hawn, qiegħed jilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-Awtorita` intimata u l-ħames eċċezzjoni tal-intimata *pro et noe* fis-sens illi jiddikjara illi r-rikorrent *pro et noe* ma jikkwalifikawx bħala "persuna aggravata" ai termini tal-artiklu 57 (1) tal-Kapitolu 563 tal-Liġijiet ta' Malta u għaldqstant ma setax jintavola l-azzjoni odjerna quddiemu.

Għaldqstant it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors.

---

[3] Ara digriet mogħti minn dan it-Tribunal datat 29 ta' Ottubru 2018 fir-rikors Numru 71/18 fl-ismijiet S. Camilleri Caterers Limited vs l-Awtorita` ta' L-Artijiet

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent *pro et noe* .

---

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

---

**Antonella Cassar**
**Deputat Reġistratur**